**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 162364** **25.10.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, jindirizza Symposium dwar il-Professjoni Nutarili fil-Jum Ewropew tal-Ġustizzja***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, il-Parlament ta' Malta, Anġlu Farrugia, dalgħodu indirizza lil dawk preżenti fil-ftuħ ta' *Symposium* fil-Jum Ewropew tal-Ġustizzja *"Synergies of Certainty: The Notarial Profession Beyond 2020"* organizzat mill-Kunsill Notarili ta' Malta li nżamm fil-bini tal-Parlament ta' Malta.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li l-Parlament bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, ħass il-ħtieġa sabiex jissieħeb mal-Kunsill Notarili ta' Malta sabiex juri l-importanza tal-professjoni tan-nutara u s-sehem importanti li għandhom in-nutara fis-soċjetà, li bħala uffiċjali pubbliċi jagħtu servizzi utli ħafna liċ-ċittadini kemm Maltin, kif ukoll barranin.

Huwa qal li, fis-servizzi lin-nutara jagħtu lill-pubbliku, hemm it-trasferiment ta' propjetà mmobbli, suċċessjoni, kuntratti, affarijiet marbuta maż-żwieġ, unjoni ċivili, u atti ċivili oħra, iżda l-konsumatur jew aħjar iċ-ċittadin, li jeħtieġ dawn is-servizzi, jistenna li jkun moqdi tajjeb u jippretendi s-serħan il-moħħ jew iċ-ċertezza legali tal-atti notarili, tenna l-Ispeaker Anġlu Farrugia.

Il-proposti mressqa f'dan is-*Symposium* għandhom jinġabru f'dokument bil-ħsieb li jitressqu lill-awtoritajiet konċernati u lill-Membri tal-Parlament mill-Kunsill Notarili ta' Malta bl-għan li jitwettqu ħalli s-servizz notarili f'Malta jissaħħaħ u jitjieb.

Il-ftuħ tas-*Symposium* ġie indirizzat ukoll mill-Membru Parlamentari, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Deborah Schembri, l-Avukat Ġenerali, Dr Peter Grech, is-Segretarju Ġenerali Kunsill tan-Nutara Ewropej (CNUE) Raul Radoi, if ukoll, President tal-Kunsill Notarili ta' Malta Dr Joseph Abela. Preżenti kienu wkoll il-Membru Parlamentari Dr Jason Azzopardi, kif ukoll il-Membru Parlamentari Dr Paula Mifsud Bonnici, li taw is-sehem tagħhom matul is-*Symposium*.

Membri tal-professjoni notarili, rappreżentanti tad-Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet pubbliċi, is-settur privat, fosthom, il-banek u l-intrapriżi tal-assikurazzjoni, taw is-sehem attiv tagħhom f'diskussjoni dwar l-introduzzjoni tas-servizz ta' *"Real-Time Paperless Transfer Registration System for Immovable by 2020"*.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**